# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI**

**Isem:** ____________________________ **Klassi:** _______________

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**

2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:***

# Tintelaqx



Kemm meta nkunu żgħar, imma aktar u aktar meta nibdew deħlin fl-età, huwa ferm importanti li aħna nżommu ruħna fl-aħjar kundizzjoni possibbli. Aħna nistgħu nagħmlu dan permezz ta' eżerċizzji ħfief iżda li jagħmlu d-differenza bejn ħajja b'saħħitha u oħra marradija. (*par. 1*)

Studji xjentifiċi juru li eżerċizzji ħfief u regolari jgħinu fil-kontroll tal-kolesterol u l-pressjoni. Huma jgħinu lill-ġisem jaħraq ix-xaħam żejjed, u jżommu l-għadam b'saħħtu. Barra dan, jgħinuk sabiex ikollok burdata tajba filwaqt li jnaqqsulek iċ-ċans ta' dipressjoni. (*par. 2*)

Ta' spiss aħna nagħmlu ħafna użu mill-karozza, speċjalment għal qadjiet fil-viċin, naraw it-televiżjoni erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, u għandna impjiegi ta' inqas strapazz minħabba t-teknoloġija moderna li qegħdin ingawdu minnha bħalissa. Dawn huma wħud mill-kawżi tal-ħajja *mfissda* li ħafna minna qegħdin jgħixu llum. (*par. 3*)

Ma hu minnu xejn dak li jaħsbu ħafna li, biex iżżomm ruħek f'saħħtek hemm bżonn ta' ħafna strapazz jew trid bilfors tipprattika xi forma ta' sport. Fil-fatt, tista' tasal għal ħajja b'saħħitha mingħajr taħbit żejjed. Ngħidu aħna, mixja ta' kuljum ta' xi erba' kilometri u b'ritmu daqsxejn imħarrek huwa eżempju wieħed ta' kif iżżomm ruħek f'saħħtek. Jew inkella, int tista' tegħleb it-tentazzjoni u flok tuża l-lift, tuża t-taraġ; jekk ikun taraġ jimxi, xorta itilgħu timxi. Tista' tagħmel il-faċendi tad-dar b'ritmu konsistenti. Anke l-manutenzjoni tad-dar hi mod li jaf iżommok attiv u b'saħħtek, speċjalment jekk hu xogħol ta' żebgħa. (*par. 4*)

Il-motivazzjoni hija importanti ferm u għal din hemm bżonn li tħarreġ il-moħħ daqskemm il-ġisem. Mod tajjeb kif jirnexxilek tagħmel dan huwa billi żżomm f'moħħok x'ġid tkun qiegħed tagħmel lilek innifsek u kemm għad jiswielek fil-futur. U fuq kollox, ħu pjaċir agħmel l-eżerċizzju li minnu nnifsu jipproduċi sustanzi kimiċi, bħas-*sertonin.* Dan għandu influwenza qawwija fuq il-burdata tagħna u jgħin biex innaqqsu l-anzjetà, l-istress u d-dipressjoni. (*par. 5*)

Għalhekk, hu importanti li ma tintelaqx, imma għandek tqum fuq tiegħek u tiċċaqlaq. Kull meta ma jkollokx aptit tagħmel l-eżerċizzji, fakkar lilek innifsek kemm tħossok aħjar kieku tqum minn hemm u titħarrek ftit. (*par. 6*)

(*Addattament minn IL-ĠENS - 26/8/06*)

| A. FEHIM IT-TEST | (10 marki) |
|---|---|

1. Meta għandna nżommu ruħna fl-aħjar kundizzjoni possibbli?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (marka)

2. Kif nistgħu nżommu ruħna fl-aħjar kundizzjoni?

______________________________________________________ (marka)

3. X'juru l-istudji xjentifiċi dwar l-eżerċizzji ħfief regolari? Semmi żewġ ħwejjeġ.

(i) ___________________________________________________

(ii)___________________________________________________ ( 2 marki)

4. Semmi waħda mill-kawżi għaliex aħna qegħdin ngħixu ħajja *mfissda*.

______________________________________________________ (marka)

5. Biex iżżomm ruħek b'saħħtek trid bilfors tipprattika xi forma ta' sport. (*par.4*)

**VERU**______ **FALZ**_______ (marka)

6. Agħmel sinjal taħt il-kelma t-tajba:

Biex iżomm ruħu f'saħħtu, wieħed biżżejjed jimxi mixja ta' (**tnejn, tlieta, erba'**) kilometri u dan irid jagħmlu (**kuljum, kull nhar ta' Ħadd, kull xahar**).

( 2 marki)

7. X'għandek iżżomm f'moħħok biex tibqa' tagħmel l-eżerċizzji regolarment?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (marka)

8. X'influwenza għandu s-***sertonin*** fuq min jagħmel l-eżerċizzji?

______________________________________________________________

______________________________________________________ (marka)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (20 marka) |
|---|---|

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Agħmel (**X**) fejn it-tajba:
   Il-verb **nżommu** (*par.1*), li l-mamma tiegħu hi **żamm**, hu verb:
   (a) **sħiħ** ___; (b) **trux** ___; (ċ) **dgħajjef** ___. (marka)

2. Immarka b'sing taħt it-tajba:

   Liema minn dawn il-verbi li niltaqgħu magħhom f'*paragrafu 2* hu ***verb irregolari***?
   (a) **juru** (b) **jgħinu** (ċ) **jaħraq** (d) **jnaqqsulek** (marka)

3. Il-verb **fakkar** (*par. 6*) hu verb tat-***tieni forma***. Ta' liema ***forma*** huma l-verbi li ġejjin?



| VERB | FORMA |
|---|---|
| **(a) nħasel** | |
| **(b) twebbel** | |
| **(ċ) wieġeb** | |

(3 marki)

4. Il-kelma **llum** (*par.3*) tissejjaħ ***avverbju ta' żmien***.

   (a) **VERU** ____ (b) **FALZ** ____ . (marka)

5 Sib minn **paragrafu 3** dawn li ġejjin u ikteb fil-kaxxa l-vojta:

| | |
|---|---|
| (a) prepożizzjoni waħedha (sħiħa) | |
| (b) prepożizzjoni marbuta ma' l-artiklu | |
| (ċ) prepożizzjoni ma' pronom mehmuż | |

(3 marki)

6. Mill-verb **kiteb** noħorġu l-***parteċipju passiv*: miktub**. Oħroġ parteċipju passiv mill-verbi li ġejjin:

   (a) mill-verb **ħadem** noħorġu l-parteċipju passiv ________________

   (b) mill-verb **berraq** noħorġu l-parteċipju passiv ________________

   (ċ) mill-verb **salva** noħorġu l-parteċipju passiv ________________

(3 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Sib mill-*ewwel paragrafu* kelma li tfisser **żmien:** _________________ (marka)

8. Agħti kelma oħra flok: (a) **viċin** (*par.3*) : ____________________

(b) **imħarrek** (*par.4*) : ____________________ (2 marki)

9. Il-kelma **motivazzjoni** (*par.5*) hi ta' nisel _________________, jiġifieri hi kelma li ġejja mit-Taljan. (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

10. Ikteb fi kliemek il-frażi: **jgħinuk sabiex ikollok burdata tajba** (*par.2*):

**jgħinuk** ______________________________________________ (marka)

11. Il-kelma ***jnaqqsulek*** (*par.2*) qed tirreferi għall- ___________________ (marka)

**SINTASSI**

12. Aqsam din is-sentenza f'***żewġ sentenzi*** b'mod li ma tibdilx it-tifsira:
**Kemm meta nkunu żgħar, imma aktar u aktar meta nibdew deħlin fl-età, huwa ferm importanti li aħna nżommu ruħna fl-aħjar kundizzjoni possibbli.**

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________
(2 marki)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |
|---|---|

**IDJOMI U QWIEL**

**(i) Sib żewġ idjomi minn dawn is-sentenzi u iktibhom fil-kaxxi ta' taħt:**
Meta xtara d-dgħajsa, missieru għamilha ċara li ma ħax gost. Imma ommu tatu r-riħ. Darba mar jistad f'baħar jibla' l-art. Meta daħal il-ħin u raw li ma deherx qalu li kien għamel ta' rasu u spiċċa biex mar id-dinja l-oħra.

| | |
|---|---|
| (1) | (2) |

**(ii) Fisser fi kliemek dawn il-qwiel:**

(a) Min jiekol żomm miegħu:_________________________________________

(b) Aħseb il-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx:_______________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

**Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar 60 kelma**.



(**a**) L-iskola fejn tattendi organizzat l-attività **Kul għal Qalbek**. Dakinhar ġew mistiedna esperti tad-dieta li tkellmu dwar l-ikel li jagħmel ħsara lil ġisimna billi joħloq mard tal-qalb, dijabete u mard ieħor simili. Ikteb fil-qosor **l-opinjoni tiegħek** dwar kif għandha tkun dieta tajba għas-saħħa.

**JEW**

(**b**) Bħala attività ta' ġbir ta' fondi għal magna tal-kliewi, il-kunsill lokali ta' Ħal Muxi organizza mixja sponsorjata fil-kampanja. Bħala segretarju/segretarja tal-kunsill, ikteb **rapport** dwar din il-ħarġa. Tkellem dwar l-iskop tal-mixja, għid meta u fejn saret, min ħa sehem, kemm inġabru flus u agħti tagħrif ieħor rilevanti.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Ikteb **sitt sentenzi** dwar suġġett **wieħed** minn dawk li tkellimt dwarhom fil-proġett: **L-Oqsma ta' l-Għerf tal-Kultura Maltija** biex turi x'laqtek f'dan is-suġġett.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

| F. LETTERATURA | (30 marka) |
|---|---|

**(i) L-Isqaq / Anestesija**
**Anestesija**

1. Lit-tifel, tal-ġelati tah ġelat tal-_____________________ flok tal-vanilja. (marka)
2. Il-buffu taċ-ċirku kien jismu:_________________ (marka)
3. Id-dramm jintemm meta l-iljuni taċ-ċirku_________________________. (marka)
4. Anestesija hu dramm: (a) realistiku __ (b) umoristiku __ (ċ) simboliku__. (marka)

**L-Isqaq**

5. Meta miet missieru, il-familja ta' Stejfen marret ___________________. (marka)
6. Meta mietet Lugrez ħasbu li kien qatilha ________________ . (marka)
7. Menu ma setax jiżżewweġ għax kien raġel ______________________. (marka)
8. Stejfen jirrakkonta din il-ġrajja meta kien (a) tifel__ (b) raġel__ (ċ) xiħ__. (marka)

**(ii) Qawsalla: *Referenza għall-Kuntest***

Aqra sew din il-poeżija ta' Joe Friggieri u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

**SAN NIKLAW**

Maz-zuntier tal-knisja ż-żgħira
f'nofs il-wied ta' San Niklaw
kif iddoqq l-Ave Marija
kienu jinżlu l-mogħoż jirgħaw
kienu jinżlu
żewġ namrati
jinnamraw.

Imma darba ġiet il-gaffa
f'nofs il-wied ta' San Niklaw
il-ħitan tal-knisja ġġarrfu
u bnew dar
minn dawk il-kbar
bil-veranda
u l-pixxina
u l-kolonni ta' l-irħam.

Kulħadd qal
kemm hi sabiħa
dik id-dar
barra l-mogħoż
li m'għadhomx jinżlu
biex jirgħaw
barra dawk
iż-żewġ namrati
li ħadulhom l-aħħar rokna
fejn kif tibda x-xemx tistaħba
kienu jinżlu
jinnamraw.

1. Min kien jinżel fil-wied malli ddoqq l-Ave Marija ? (2 marki)

Kienu jinżlu __________________ u ___________________________________

2. Meta nqered il-wied ta' San Niklaw? (marka)

______________________________________________________________________

3. X'qalu n-nies dwar id-dar li nbniet fil-wied? (marka)

______________________________________________________________________

4. Il-versi tal-poeżija huma versi :

(a) ottonarji ___, (b) endekasillabi ___, jew (ċ) versi ħielsa ___ ? (marka)

5. Mill-ewwel strofa sib żewġ kelmiet li jirrimaw:

Dawn huma ________________ u __________________ (marka)

6. Agħti fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. (4 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(iii) QAWSALLA: KOMPONIMENT LETTERARJU** (12-il marka)

Agħżel **waħda** minn **a** u **b** u ikteb madwar **100 kelma** dwarha fuq karta separata:

(a) Il-poeti u l-kittieba sikwit jużaw il-kitba tagħhom biex jikkritikaw dak li ma jogħġobhomx jew dak li ma jaqblux miegħu. Mit-tema ***Il-Protesta,*** semmi żewġ kitbiet li studjajt u għid dwar xiex jipprotestaw.

(b) Fit-tema ***Ir-Rispett fil-Familja*** nsibu poeżiji u siltiet ta' proża li jitkellmu dwar ir-rispett li l-ulied għandu jkollhom lejn il-ġenituri tagħhom. Agħżel tnejn minn dawn ix-xogħlijiet li studjajt u tkellem dwarhom.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300 kelma** fuq karta separata:



1. Dieta tajba tfisser persuna b'saħħitha. Ikkummenta.
2. Safra li nixtieq nagħmel.
3. X'tippreferi tara film fuq it-televixin jew fiċ-ċinema?
4. L-ewwel darba li rkibt fuq dgħajsa.
5. Il-kantant favorit jew il-kantanta favorita tiegħi.
6. Intemmet sena skolastika oħra!